MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 324/2012

**Appell Nru. 324/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Mifsud**

**Illum 3 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 503455 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn id-29 ta' Frar 2012 u l-20 ta' Marzu 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Maria Elena Mifsud u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju, 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata in kwantu li tikkonferma li l-esponenti hu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tibdel il-piena inflitta fis-sentenza appellata u dan billi tirreduci, l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ghal wahda inqas harxa minghajr detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena ta' gimgha detenzjoni. Illi l-esponenti ammetta quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali illi l-manteniment ghal perjodu indikat flc-citazzjoni fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u sittin Ewro (€ 465) huwa dovut lil martu Maria Elena Mifsud u dan skont l-istess digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Illi jigi rilevat illi l-esponenti bl-ebda mod ma ried jonqos rispett jew li ma jobdix l-ordni moghtija mill-Onorabbii Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

Illi hekk kif indikat l-espozizzjoni tal-fatti f'dan l-umli rikors ta' l-Appeil l-esponenti ma waqafx ihallas l-manteniment fl-amomnt ta' erbgha mija hamsa u sittin Ewro (€465) lil martu b'kapnicc, biex jisfida jew bhala disrispett lejn l-Awtorita' tal-Onorabbli Qorti. Illi huwa fatt li kundizzjoni fizika tal-esponenti hi wahda li ma thallihx jirritorna fuq il-post tax-xoghoi. Mhux biss izda kif certifikat mill-

Professur Dr. Joe Borg, l-esponenti qed jistenna sabiex jigi sottomess ghal intervent kirurgiku. Illi l-esponenti ma baqax inadempjenti izda ha r-rimedji kollha sabiex jirregola l-pozizzjoni tieghu f'tali cirkostanzi d-dirigenti ta' Transport Malta xorta qed ihallsu l-manteniment lill-Maria Elena Mifsud ghalkemm dan huwa wiehed ridott minhabba li l-paga percepita' mill-esponenti hija wahda ridotta ferm stante li huwa obbligat skont l-ordni tal-istess professuri u ta' min ihaddem lill-esponenti sabiex ma jirritornax lura ghax-xoghol sakemm ikun certifikat mill-istess tobba li jkun tajjeb ghax-xoghol. Illi ghalhekk gie sottomess quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) illi ghalkemm l-manteniment fl-ammont ta' erbgha mija hamsa u sittin Ewro (€ 465) ma thallasx kollu kien hemm patti sostanzjali illi kienet thallset liema fatt gie kolloborat anke minn Maria Elena Mifsud innifisha fejn din indikat lil Onorabbli Qorti li parti mill-manteniment kien effetivament thallas. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma haditx dawn ic-cirkostanzi specjali u sfortunati tal-esponenti hija u taghti s-sentenza taghha meta kkundannatu ghal gimgha detenzjoni u dan minkejja li ngabet il-prova li l-esponenti ma jistax jahdem minhabba ic-cirkustanzi ta' sahha tal-esponenti u minkejja li ngabet il-prova li effettivament l-esponenti qed jhallas parti minn dan il-manteniment bl-ahjar mod li jista u fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni it-tip ta' xoghol mwettaq mill-esponenti, liema xoghol huwa ta' perikolu kontinwu ghas-sahha tal-esponenti u ghalhekk isegwi illi l-Awtorita tat-Trasport li thaddem lill-esponenti zgur mhix ser taccetta lill-esponenti lura fuq il-post tax-xoghol sakemm l-istess ikun certifikat minn tabib li huwa jista jaqdi dmiru minghajr ma zzid l-perikolu ghal hajja u sahha tal-istess
esponenti. Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta l-oppost, mhux talli l-esponenti mhux certilkat li jista jerga jidhol lura ghax-xoghol izda li l-esponenti jrid jissottoponi lilu nnfisu ghal intervent kirurgiku b'hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti a bazi ta' ekwita kellha taghti importanza ghal dan il-fatt li l-esponenti zgur ma setax jirritorna lura fuq il-post tax-xoghol u dan mhux sempliciment b'kapricc jew b'xi motivi

sabiex l-esponenti ma jhallasx il-manteniment kollu lil martu u dan anke in vista tal-fatt illi mill-ftit paga li l-esponenti qed jithallas huwa ghamel l-arrangamenti kollha necessarji u li huma fil-poter tieghu sabiex jibda jhallas tal-inqas parti mill-manteniment dovut lil martu Maria Elena Mifsud;

3. Salv Aggravji ulterjuri;

Ikkunsidrat.

Skont digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja l-appellant huwa obbligat li jhallas manteniment lill-martu Maria Elena Mifsud fl-ammont ta' €465 kull hmistax. L-appellant baqa' moruz fil-hlas tal-manteniment bejn id-29 ta' Frar u l-20 ta' Marzu 2012. L-appellant mhuwiex qieghed jikkontesta dan il-fatt. Jghid biss illi huwa wegga fuq il-post tax-xoghol, prezentament ma jistax jahdem u qieghed jistenna biex jigi sottomess ghal xi operazzjoni kirurgika. L-appellant jargumenta illi l-manteniment mertu ta' din l-akkuza kien jithallas direttament mill-paga tieghu mill-post tax-xoghol cioe' l-Malta Transport Authority u peress illi bhalissa ghadu taht injury leave l-awtorita qieghda thallas lil martu ammont ridott peress illi l-paga tieghu hija wkoll ridotta.

Fis-seduta tat-18 ta' April 2013 dehret il-parti civili Maria Elena Mifsud u nfurmat lill-Qorti illi dak inhar stess l-appellant hallas il-bilanc biex ikopri l-perjodu kollu ndikat fic-citazzjoni u ghal dak li jirrigwardja din il-kawza m'ghandiex aktar pretenzjonijiet fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad li l-hlas fil-mori ma jaghmel l-ebda differenza ghad-dikjarazzjoni ta' htija u l-Qrati taghna dejjem irritenew illi persuna li tisfa' bla xoghol, tkun marida b'dipressjoni jew xi haga ohra, jew tkun fuq l-ghajnina socjali ma jiskuzahiex mill-obbligu illi twettaq id-digrieti tal-Qorti. Hekk qalet per ezempju l-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju, 1998 fejn qalet, "*.... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment*

*ordnat anke f'kaz li persuna tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha illi twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit b'reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjezzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjieni t-tali modifika, li jkun jista jhallas anqas jekk ikun il-kaz, sakemm dana jsir, jibqa marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."* (Ara wkoll Il-Pulizija vs Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002).

L-appellant m'ghamel xejn minn dan u deherlu illi sempliciment ghax kien fuq l-injury leave u ma kienx qed jircievi paga shieha kellu jnaqqas arbitrarjament l-ammont dovut lill-parti leza jew a direttura ma jhallas xejn. Kien biss wara illi ottjena decizjoni karcerarja kontra tieghu illi l-appellant donnu ccaqlaq u hallas il-bilanc dovut fil-mori ta' dan l-appell. Ghalhekk ghal dak li jirrigwardja l-mertu l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragonevalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal gimgha ditenzjoni. Hawnhekk l-appellant deherlu li din il-piena kienet harxa wisq fil-konfront tieghu u forsi kien ghalhekk illi fil-mori ta' dan l-appell hallas il-bilanc dovut lill-parti leza. Normalment meta jigri hekk, ikun hemm temperament fil-piena izda din il-Qorti ma jidrilhiex illi l-appellant ghandu jibbenefika minn tali temperament. Minn ezami akkurat tal-fedina penali tieghu ssib illi l-appellant huwa *habitual defaulter* u minn zmien ghal zmien qed jigi kkundannat mill-Qorti ghall-istess kontravenzjoni, nuqqas ta' hlas ta' manteniment lill-martu. Ovvjament din il-Qorti ma tistax titollera sitwazzjoni fejn persuna li jkollha drittijiet sanciti minn Qorti jkolla tadixxi kull darba lill-istess Qorti sabiex tieghu dak illi bi dritt huwa taghha.

L-appellant jaf sew x’inhuma l-obligazzjonijiet tieghu u jekk jibqa ghaddej b’din il-hajja m’ghandux jippretendi xi spalla minn din il-Qorti anki jekk ihallas f’xi mori ta’ xi kawza.  L-appellant ghandu jhallas lill-martu l-maneniment fi zmien hmistax –il gurnata u m’ghandux itawwal iktar u wisq anqas ghandu jpoggi lill-martu fil-pozizzjoni li jkollha bil-fors tirrikorri l-Qorti biex tiehu l-manteniment. Ghalhekk f’dan il-kaz din il-Qorti ma jidrilhiex illi ghandha tbiddel id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------